MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 328/2004

Kawza fil-lista: 50

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu nhar it-2 ta' Gunju 1990, kif jidher mill-anness certifikat mmarkat bhala Dok. CZ;

Peress illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett stante illi l-kunsens ta' wahda mill-partijiet kien inkiseb bi vjolenza jew biza bi ksur ta' l-Artikolu 19(1)(a) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Peress illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg bi ksur ta' l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Peress illi l-kunsens tal-partijiet jew wiehed minnhom, inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga bi ksur tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet suesposti, jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet, skond l-Artikolu 19(1)(a), (d), (f), tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta rrispondiet:

1. Illi, l-eccipjenti topponi ghall-istess annullament, stante ili ma jezistu l-ebda ragunijiet taht l-Artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtu lok ghan-nullita' taz-zwieg li gie celebrat bejn il-konjugi B.

2. Illi, ghaldaqstant, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti, bl-ispejjes.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semget il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kkuntrattat mal-konvenuta fit-2 ta' Gunju 1990 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali ta' "wahda mill-partijiet" huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafu [a] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, filwaqt li dak tal-kontendenti huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] u tal-paragrafu [f] ta' l-istess artikolu.

Minn naha taghha l-konvenuta qieghda tikkonstesta t-talba attrici fl-intier taghha, stante li ma tezisti l-ebda raguni legali li tati lok ghan-nullita' taz-zwieg.

**Kwadru tal-fatti**

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu;

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Gunju 1990 meta allura l-attur kellu 24 sena u l-konvenuta kellha 20 sena u wara li huma kienu ilhom johorgu flimkien bejn sitta u seba' snin. Minn dan iz-zwieg twieled tifel fit-23 ta' Mejju 1992. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa hdax [11] il-sena, il-partijiet isseparaw.

Illi l-versjoni tal-fatti ta' l-attur hija fis-sens li l-gherusija taghhom kienet karatterizzta bi glied kontinwu bejn il-konvenuta u l-familjari taghha, senjatament il-genituri taghha; u li l-konvenuta kienet okkazzjonalment vittma ta' vjolenza fizika da parti ta' membri tal-familja taghha. Huwa jghid li z-zwieg kien "l-unika soluzzjoni li kien hemm, iz-zwieg kien is-soluzzjoni taghha l-bicca tax-xoghol, biex titlaq minn hemm [id-dar tal-genituri taghha]". Huwa jghid ukoll li f' okkazzjoni minnhom huwa kien akkompanja lill-konvenuta, allura l-gharusa tieghu, god-dar Merhba Bik.

L-attur jghid li huwa ma kienx cert mill-pass taz-zwieg, u kellu dubju jekk kienx ser jaghmel "il-pass tajjeb"[1] Jghid li kien ihossu ncert u li f' dak iz-zmien kien qed jghix fil-

[1] Dep.fol.64 *et seq.*

qamar u anke kien beda jiehu l-kalmanti. Huwa jghid li kien beza’ jirtira mill-pass li kien ser jaghmel ghax “kien kollox lest, speci bzajt minn missierha u ommha, qishom ma tantx jahsbuha, nispicca hazin jien.” Fuq id-domanda, ghaliex gjaladarba anke sa dakinhar stess tac-cerimonja l-attur jghid li kellu hafna dubju, ghalfejn ma waqqafx kollox, l-attur jirrispondi “Ghax bzajt .. li naqa’ ghac-cajt”[2]

L-attur jghid li huma kien ikollom x’ jaqsmu flimkien kemm qabel iz-zwieg, kif ukoll wara; izda wara hames snin taz-zwieg, ir-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu bdew jonqsu.

Huwa jghid li minhabba l-attitudini u l-karattru u t-tghajjir da parti tal-konvenuta huwa ma felahx jikkonvivi aktar ma’ martu; kien hemm “breaking point u ma stajt niflah aktar”; u wara konvivenza ta’ circa 11-il sena, il-partijiet isseparaw.

Illi minn naha taghha l-konvenuta tichad in sostanza l-versjoni ta’ l-attur fid-diversi allegazzjonijiet maghmula minnu fil-konfront taghha. Hija tichad kategorikament li kienet miggielda mal-genituri taghha u li kien ikun hemm il-glied u t-tilwim mal-genituri taghha kif allegat mill-attur. Tghid pero’ li missierha kien dixxiplinat hafna fuq il-hinijiet tal-hrug, stante li kienet ghadha zghira. Tichad li qatt marret Merhba Bik jew li kellha ghalfejn tmur. Tichad li waqt il-konvivenza matrimonjali hija hadet overdose. Tichad li hi qatt abbandunat it-tifla, ir-ragel u d-dar, izda kienet taqdi d-dmir taghha bhala mara mizzewga u omm.

Il-konvenuta tghid li s-seba’ [7] snin li kienu ghamlu johorgu flimkien qabel iz-zwieg kienu “normali”[3] Tghid li, ghalkemm kien ikollhom argumenti f’ dan il-perijodu, dawn kienu jimpernjaw fuq il-fatt l-attur ried kontinwament johrog lill-konvenuta mill-influwenza tal-genituri taghha, “minn dik l-isfera taghhom”, izda l-konvenuta ssostni li mal-genituri taghha kellha relazzjoni tajba hafna u li l-familja tieghu kienu hafna qrib xulxin.

---

[2] Fols.73 u 74
[3] Dep. Fol.84 *et seq.*

Tghid li l-attur qatt ma wriha u qalilha li kellu xi dubju dwar il-pass taz-zwieg, u tghid li l-ewwel sentejn taz-zwieg kienu tajbin, sakemm hi kellha tieqaf tahdem minhabba t-twelid tat-tifla; ghax sussegwentement bdew okkazjonalment ikollhom tilwim fuq il-flus. Hija tghid li wara z-zwieg indunat li l-attur kien bniedem interessat hafna fil-flus.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u hija tal-fehma li ghandha taghti affidament lill-konvenuta, fil-versjoni taghha, u mhux lill-attur.

*Vis et Metus*
Illi l-ewwel kawzali bazata fuq id-dispost tal-paragrafu [a] ta' l-artikolu precitat, ma tirrizultax sostnuta mill-provi; ma jirrizultax li l-kunsens matrimonjali ta' l-attur kien inkiseb bi vjolenza, morali jew fisika, jew biza'. Mill-provi ma jirrizultax li kien hemm xi pressjoni jew vjolenza ngusta, gravi u determinanti li wassluh jaghti l-kunsens tieghu ghaz-zwieg kontra l-volonta' tieghu; anzi l-provi juru l-kuntrarju li l-attur ried jizzewweg, kien komdu li l-konvenuta u l-genituri taghha jlestu l-preparamenti kollha tat-tieg u jhallsu l-ispejjez relattivi, u ta l-kunsens liberu tieghu.

Inoltre, anke jekk dato non concesso l-attur seta' kellu xi dubji dwar il-pass taz-zwieg, dawn per se ma humiex sufficjenti biex jintegraw dan il-caput nullitatis. Fil-fatt fid-deposizzjoni tieghu, l-attur jghid li l-biza' li kellu, kienet li "naqa' ghac-cajt"[4]. Ghaldaqstant din il-kawza ma treggix.

*Discretio iudicii*
Illi rigward it-tieni kawzali bazata fuq id-dispost tal-paragrafu [d] fl-intier tieghu, il-Qorti tirrileva li dinmanifestament ma tirrizultax mill-provi. Ma jirrizultax provat li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-partijiet, jew xi hadd minnhom, kien affett minn inkapacita' psikika jew kostituzzjonali li jgharrfu u jirriflettu u li jiddecidi

Ibid.

liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali, jew li parti kienet mahkuma minn impulsi nterni li “nehhewlha” l-liberta tal-ghazla; jew li l-partijiet ma kellhomx certu dixxerniment tad-drittijiet u dmirijiet tal-hajja matrimonjali. Di fatti huma kkonvivew ghal circa hdax [11] il-sena u l-ewwel snin taz-zwieg kienu “tajbin” tant li l-partijiet kellhom tarbija sentejn wara.

Illi inoltre, ma jirrizultax, u dan b’ mod manifest, li xi parti kienet affetta minn anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ghaldaqstant lanqas din il-kawzali ma ssib sostenn fil-provi.

*Simulazzjoni*
Illi rigward it-tielet kawzali bazata fuq id-dispost tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu precitat, il-Qorti tosserva li minn imkien ma jirrizulta li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, xi hadd mill-partijiet internament u b’ att posittiv tal-volonta’ tieghu eskluda wahda mill-obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg; li huma l-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied. Mill-provi jidher li ghal certu snin wara z-zwieg huma ssodisfaw dawn l-obbligazzjonijiet.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici ma ssibx sostenn fil-provi, u ghalhekk mhux gustifikata la fil-fatt u lanqas fid-dritt, u timmerita li tigi michuda.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenuta, u tichad it-talba attrici; bl-ispejjez kollha a kariku ta’ l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------